# IN MEMORIAM — MISS MAY BUTCHER

B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt ta' **Miss May Butcher** li ġrat għal għarrieda fil-21 ta' Diċembru, fl-Isptar tal-Blue Sisters.

**Miss May Butcher** tibqa' fil-moħħ tal-Membri tal-Għaqda mhux biss bħala waħda minn seħbithom, iżda l-iktar ukoll bħala waħda mill-aqwa figuri sbieħ fl-Istorja tal-Għaqda għax-xogħol li ħadmet għall-Malti, u l-iktar f'moħħ dawk il-membri ewlenin li magħhom fix-xogħol tagħha għall-ġid tal-progress tal-Lsien Malti kellha rabta kbira. L-istudju letterarju tal-Lsien Malti kien għaliha wieħed mill-aqwa mogħdijiet ta' żmien li fih ħliet il-ħeġġa kollha ta' saħħitha f'dawn l-aħħar sittax-il sena li damet fostna.

L-ewwel ħajra li tnisslet fiha meta waslet hawn Malta fl-1932 kienet li tistudja l-Malti bil-ħsieb li tikteb Grammatika tal-Malti bl-Ingliż għal dawk l-Ingliżi li jixtiequ jitgħallmu jiktbu u jitkellmu bil-Malti, u, nistgħu ngħidu, li bil-ħrara, studju u leħħa tagħha dan ix-xogħol irnexxielha tagħmlu u tippubblikah wara sitt snin bit-tipi ta' l-Istamperija ta' l-Università ta' Oxford.

Barra mix-xogħol tal-Grammatika, hija kienet dlonk tindaħal biex tgħin lill-imseħbin tal-Għaqda fit-traduzzjonijiet tax-xogħlijiet tagħhom, fosthom insemmu t-traduzzjoni bl-Ingliż ta' *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, kif ukoll ta' versi maltin, fosthom *Il-Jien u Lilhinn Minnu* ta' Dun Karm u *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona, li kien l-aħħar xogħol kolossali tagħha li laħqet temmet xi tliet xhur ilu. Il-qarrejja tas-''Sundial'' ta' l-Università nisthajlu li għadhom kif qraw fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista t-traduzzjoni tal-prologu ta' dan ix-xogħol magħmul bl-akbar reqqa u teknika mill-pinna tagħha. Fost ix-xogħlijiet l-oħra li ħadmet **Miss Butcher** u li bih uriet il-ħeġġa tagħha għall-kitba Maltija huwa x-xogħol ta' traduzzjoni ta' ktieb mill-Ġermaniż għat-Tfal li ħallietu manuskritt.

Il-ħidma għall-Malti ta' **Miss Butcher** tibqa' fuq hekk fi ħdan il-Għaqda l-egħżeż tifkira li ma għandha tintesa qatt, l-iktar meta nġibu quddiem għajnejna illi biex taqdi lil ħbiebha tal-Għaqda fix-xogħlijiet tagħhom kienet saħansitra twarrab ix-xogħlijiet tagħha privati u tissagrifika żmienha u saħħitha.

Jalla l-ħidma tagħha għall-Malti sservi ta' eżempju u ta' ħeġġa għal dawk kollha li jixtiequ l-ġid tal-Malti.